# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 29 ta’ Marzu, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 68/2021/1 ISB**

**Wara s-sentenza deciza nhar is-27 ta’ Jannar 2022, bin-numru ta’ referenza 68/2021ISB fl-ismijiet:**

**Michaela sive Michelle Bua (K.I. 275567M), Maria Aloysia sive Marisa Busuttil (K.I. Numru 383060M), Lawrence Caruana (K.I. Numru 358869M), Norma Caruana (K.I. Numru 782736M), u Bernardette Grasso (K.I. 738758M)**

**Vs**

**X**

**Rikors tal-partnership Norma Caruana & Co (P 1186), u kif ukoll Michaela sive Michelle Bua (K.I. 275567M), Maria Aloysia sive Marisa Busuttil (K.I. Numru 383060M), Lawrence Caruana (K.I. Numru**

**358869M), Norma Caruana (K.I. Numru 782736M), u Bernardette Grasso (K.I. 738758M)**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Norma Caruana & Co. (P1186), Michaela sive Michelle Bua (K.I. 275567M), Maria Aloysia sive Marisa Busuttil (K.I. Numru 383060M), Lawrence Caruana (K.I. Numru 358869M), Norma Caruana (K.I. Numru 782736M), u Bernardette Grasso (K.I. 738758M),** intavolat fid-19 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

1. *Testendi l-perjodu ta' tnax-il xahar għall-perjodu ulterjuri kif tiddisponi dina l-Onorabbli Qorti;*

2. *Tordna illi r-restituzzjoni ta' isem il-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co, li ġġib in-numru ta' reġisterazzjoni P 1186, fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet jiġi estiż minn dak ordnat fis-sentenza tagħha datata nhar is-27 ta' Jannar 2022 bin-numru ta' referenza 68/2021 ISB.*

3. *Tordna u tawtorizza lir-Reġistru tas-Soċjetajiet tirreġistra u taġġorna l-kompożizzjoni tas-soċji tal-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co li ġġib in-numru ta' reġisterazzjoni P 1186, u li jsiru Norma Caruana fis-sehem tagħha ta' 1,153 ishma, u Michaela sive Michelle Bua, Maria Aloysia sive Marisa Busuttil, Lawrence Caruana, u Bernardette Grasso fis-sehem tagħhom ta' 3 ishma kull wieħed;*

4. *Tordna u tawtorizza kemm lir-Reġistru tas-Soċjetajiet u kif ukoll lill-Bank of Valletta sabiex jeżegwixxu kwalunkwe azzjoni oħra relatata fl-eżekuzzjoni ta' dak deċiż minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha datata nhar is-27 ta' Jannar 2022 bin-numru ta' referenza 68/2021 ISB, fl-istess ismijiet premessi;*

*U dana taħt kwlunkwe provvedimenti jew ordni oħra illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppermettew:

> *Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Jannar 2022 bin-numru ta' referenza 68/2021 ISB, fl-istess ismijiet premessi, ġie deċiż u ordnat illi l-isem tal-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co (P 1186) jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet għall-perjodu ta' tnax-il xahar, liema perjodu dina l-Onorabbli Qorti qieset li hu biżejjed sabiex: (a) jiġi sostitwit iċ-ċekk tal-Bank of Valletta imsemmi fir-rikors promotur (b) jissarraf iċ-ċekk u (ċ) l-istess flejjes imsarrfa jiġu distribwiti bejn ir-rikorrenti, u dana flimkien ma' kundizzjonijiet oħra stabbiliti fis-sentenza, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata* ***Dok. A****;*
>
> *Illi minn dakinhar 'l hawn, l-esponenti rikorrenti imxew skont kif iddisponiet dina l-Onorabbli Qorti, iżda ġew rinfaċċjati b'diffikultajiet u dana peress illi fl-1 ta' Ottubru 2020 kien sar ftehim ta' bidla fil-kompożizzjoni tas-soċji tal-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co, fis-sens illi Julia Gauci, Anthony Caruana, Alexandra Saliba, Mary Rose Calea, u Carmen Galea rreżenjaw minn soċji tal-imsemmija partnership u fl-istess waqt il-kontribuzzjoni tagħhom ġiet ittrasferita a favur ir-rikorrenti Norma Caruana – liema ftehim, riżoluzzjoni straordinarja, u dokumentazzjoni oħra relattiva għal tali bidla ma kenitx għadha ġiet sottomessa quddiem ir-Reġistru tas-Soċjetajiet;*
>
> *Illi fil-fatt, nhar is-16 ta' Frar 2022, u ċioe dakinhar illi għalaq it-terminu għall-appell mis-sentenza fuq imsemmija, ir-rikorrenti kkomunikaw 'il fuq imsemmija ordni ta' din l-Onorabbli Qorti lil Bank of Valletta sabiex l-imsemmi bank jeżegwixxi d-deċiżjoni, kopja ta' liema korrispondenza mal-bank qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata* ***Dok. B****;*
>
> *Illi nhar fl-1 ta' Marzu 2022, il-Bank of Valletta rrisponda għat-talba tar-rikorrenti sabiex tiġi eżegwita s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 27 ta' Jannar 2022 fuq imsemmija, u li filwaqt li kkonferma li l-imsemmi cheque reġa' inħareġ mill-ġdid, il-bank talab ukoll sabiex jintbagħtu d-dettalji tas-soċji flimkien mas-sehem rispettiv u l-ammont dovut lil kull soċju tal-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co – u li tali informazzjoni provduta mir-rikorrenti trid taqbel u tikkorrobora mad-dettalji kif jidhru fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet, kopja ta' liema*

*korrispondenza tal-bank qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata* ***Dok. C****;*

*Illi peress illi r-rikorrenti kienu jagħmlu użu mis-servizzi ta' HLB Malta Limited sabiex jissottomettu l-financial statements u kwalunkwe dokumentazzjoni oħra ta' Norma Caruana & Co mar-Reġistru tas-Soċjetajiet, huma inkarigaw lill-istess HLB Malta Limited sabiex jassistuhom u jirreġistraw 'l fuq imsemmija bidla fil-kompożizzjoni tas-soċji mar-Reġistru tas-Soċjetajiet, u sussegwentement nhar it-13 ta' April 2022, saret tali talba u struzzjoni bil-miktub, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata* ***Dok D****;*

*Illi tali assistenza u sottomissjoni ta' dokumentazzjoni relattiva ma saritx, u anzi l-istess HLB Malta Limited qalet li ma kellhiex din l-informazzjoni u rreferiet lill-esponenti rikorrenti għar-Reġistru tas-Soċjetajiet, kopja ta' liema korrispondenza datata 29 ta' April 2021 qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata* ***Dok. E****;*

*Illi minħabba tali nuqqas ta' risposta u assistenza minn HLB Malta Limited, ir-rikorrenti inkarigaw lir-rappreżentanti legali tagħhom u kienu kostretti illi jinkarigaw awditur ġdid sabiex jipproċedu bis-sottomissjoni tal-formola appożita mar-Reġistru tas-Soċjetajiet flimkien mar-riżoluzzjoni straordinarja u l-iskrittura relattiva, datati l-1 ta' Ottubru 2020, kif fuq imsemmija, u għalhekk, nhar is-7 ta' Settembru 2022 saret tali sottomissjoni ta' dokumentazzjoni mar-Reġsitru tas-Soċjetajiet, kopja ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati* ***Dok. F****;*

*Illi nhar it-23 ta' Novembru 2022, ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet irrisponda wara s-sottomissjoni tad-dokumenti fuq imsemmija illi ġew ippreżentati nhar is-7 ta' Settembru 2022, u ddikjara illi tali tibdil fil-kompożizzjoni tas-soċji tal-partnership kien jirrikjedi l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, u dana peress illi s-sentenza datata 27 ta' Jannar 2022 ordnat biss illi isem is-soċjetà għandu jitpoġġa mill-ġdid fir-Reġistru limitatament sabiex jissarraf iċ-cheque u d-distribuzzjoni tal-imsemmi cheque, kopja ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati* ***Dok. G****;*

*Illi għalhekk jirriżulta illi l-ordnijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti għadhom ma ġewx eżegwiti in toto entro t-terminu ta' tnax-il xahar minħabba illi:*

- *Il-Bank of Valletta qed jirrifjuta li jiddistribiwixxi ċ-cheque sakemm ikun hemm is-soċji korrettament imniżżla fir-Reġistru tas-Soċjetajiet; u*
- *Ir-Reġistru tas-Soċjetajiet qed jirrifjuta illi jirreġistra l-bidla fil-kompożizzjoni tas-soċji tal-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co diment li ma jkollux l-awtorizzazzjoni espressa minn dina l-Onorabbli Qorti;*

  *Kellu jsir dan ir-rikors;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 53 sa fol 76)

Rat **id-digriet** tagħha tat-22 ta' Diċembru 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-11 ta' Jannar 2023 fid-9:30a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fil-11 ta' Jannar 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 80) li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża, peress illi l-esponenti m'hijiex edotta mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikkorrenti, hija tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*L-isem tal-partnership Norma Caruana & Co., bin-numru ta' reġistrazzjoni P 1186 ġie reintegrat fir-Reġistru fi stat ta' stralċ, permezz tal-provediment mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Jannar 2022 għal perjodu massimu ta' tnax il-xahar sabiex jiġi sostitwit iċ-ċekk tal-Bank of Valletta b'ieħor jekk dan kien skadut u sabiex jiġu distribwiti l-flejjes bejn ir-rikorrenti;*

*Illi fis-sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti speċifikat illi "…l-isem Norma Caruana & Co P 1186 jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tas-Soċjetajiet biss u għal finijiet illi jiġi konkluż l-istralċ tagħha fit-termini ta' dan il-provvediment";*

*Illi nhar is-7 ta' Settembru 2022 ġew sottomessi għar-reġistrazzjoni Form A(1) u resoluzzjoni sabiex Julia Gauci, Anthony Caruana , Alexandra Saliba, Mary Rose Galea u Carmen Galea ma jibqgħux soċji;*

*Illi r-Reġistratur ma toġġezzjonax għar-reġistrazzjoni ta' dawn it-tibdiliet jekk dina l-Onorbabli Qorti tħoss illi tali tibdil huwa ġustifikat tenut kont tal-kontenut u tad-data effettiva li skont ir-rikorrenti saru tali tibdiliet;*

*Madanakollu r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-Qorti tawtorizza ir-reġistrazzjoni ta' dawn it-tibdiliet, tiffissa wkoll terminu improrogabbli sabiex id-dokumenti relattivi jiġu reġistrati u lkollox jiġi konkluż fi żmien definit, sabiex ir-Reġistratur tkun jista' tipproċedi kemm jista' jkun malajr għat-tħassir definittiv tas-soċjeta' mir-Reġistru mingħajr ma l-affarijiet jittawlu mingħajr bżonn.*

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2023, dehru l-Avukat Darren Carabott u l-Avukat Miriana Borg għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti wara l-provvediment mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet **Michaela sive Michelle Bua et vs X** fejn ġie deċiż u ordnat illi l-isem tal-partnership *en nom collectif* Norma Caruana & Co (P 1186) jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet għall-perjodu ta' tnax-il xahar, liema perjodu dina l-Onorabbli Qorti qieset li hu biżejjed sabiex: (a) jiġi sostitwit iċ-ċekk tal-Bank of Valletta msemmi fir-rikors promotur (b) jissarraf iċ-ċekk u (ċ) l-istess flejjes imsarrfa jiġu distribwiti bejn ir-rikorrenti, u dana flimkien ma' kundizzjonijiet oħra stabbiliti fis-sentenza.

Ir-rikorrenti jispjegaw li ltaqgħu ma' diffikultajiet sabiex jeżeġwixxu l-ordni ta' din il-Qorti minħabba li fil-frattemp kien hemm bidla fis-soċji tal-istess parnership *en nom collectif* Norma Caruana & Co bil-konsegwenza li l-Bank of Valletta qed jirrifjuta li jiddistribwixxi c-cheque sakemm ikun hemm is-soċji korrettament imniżżla fir-Reġistru tas-Soċjetajiet, u, r-Reġistru tas-Soċjetajiet qed jirrifjuta illi jirreġistra l-bidla fil-kompożizzjoni tas-soċjeta`

tal-partnership *en nom collectif* Norma Caruana & Co diment li ma jkollux l-awtorizzazzjoni espressa minn din l-Qorti. Jgħidu li b'konsegwenza ta' dan ma kienx possibli lanqas li jeżegwixxu l-istess ordni tal-Qorti fiż-żmien stipulat.

Minn naħa tiegħu, ir-Reġistru tal-Kumpaniji wieġeb illi ma joġġezzjonax għar-reġistrazzjoni ta' dawn it-tibdiliet b'dan illi din il-Qorti tiffissa terminu improrogabbli sabiex id-dokumenti relattivi jiġu reġistratri u kollox ikun konkluż.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti fliet bir-reqqa il-provvediment tagħha tas-27 ta' Jannar 2022, kif ukoll it-talbiet rikorrenti u partikolarment id-dokumenti esebiti mar-rikors odjern. Il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti għamlu dak kollu possibli sabiex jeżegwixxu l-ordni tagħha tas-27 ta' Jannar 2022 iżda ġew rinfaċċati b'diffikultajiet li ma kellhomx kontroll fuqhom u huwa unikament għalhekk ma setgħux jeżegwixxu l-istess ordni.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ir-restituzzjoni tal-isem ta' **Norma Caruana & Co P1186** lura fir-Reġistru tal-Kumpaniji skont il-provvediment ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Michaela sive Michelle Bua vs X** tas-27 ta' Jannar 2022 tiġi estiża għall-perjodu iehor massimu ta' sentejn mid-data ta' dan il-provvediment sabiex jitwettaq dak kollu premess fl-istess provvediment msemmi.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna u tawtorizza</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex tirreġistra u taġġorna l-komposizzjoni tas-soċji tal-partnership *en nom collectif* **Norma Caruana & Co P1186**, u li jsiru Norma Caruana fis-sehem tagħha ta' 1,153 ishma, u Michaela sive Michelle Bua, Maria Aloysia sive Marisa Busuttil, Lawrence Caruana, u Bernardette Grasso fis-sehem tagħhom ta' 3 ishma kull wieħed, kif ukoll li jeżegwixxu kwalunkwe azzjoni oħra relatata fl-eżekuzzjoni tal-provvediment ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Michaela sive Michelle Bua vs X** tas-27 ta' Jannar 2022.

3. **Fit-tielet lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**